MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 680/2005

**Vincent Cuschieri Limited (C-4162)**
**vs**
**Alfred Spiteri Debarro ezercenti l-kummerc ghan-nom ta' Il-Pirata Restaurant**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u tletin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm139.71), ammont dovut mill-konvenut rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha, u fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 3 ta' Settembru, 2005 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 t'April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha u tletin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm139.71) bl-imghax legali mit-3 ta' Settembru, 2005 sal-jum tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 3 ta' Settembru, 2005, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------